

fir-rigward ta' mammiferi importati minn Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea, li jaqa' taħt il-kategorija B, Ċ jew D imsemmija fir-Regolament jew mhux imsemmija fir-Regolament, meta dawn il-mammiferi huma miżmuma f'dan l-Istat Membru skond il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru u li din il-leġiżlazzjoni hija konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament?

- 2) L-Artikolu 30 tat-Trattat KE jew ir-Regolament Nru 338/97 jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li ttiprobixxi, skond leġiżlazzjoni fis-seħħ dwar il-benesseri ta' l-annimali, kull użu kummerċjali ta' kampjuni oħra minbarra dawk il-kampjuni li huma msemmija espliċitament fil-leġiżlazzjoni nazzjonali meta l-għan ta' protezzjoni ta' dawn l-ispeċi, hekk kif imsemmi mill-Artikolu 30 tat-Trattat KE, jista' jintlaħaq b'mod daqstant effiċjenti permezz ta' miżuri li huma inqas restrittivi minn kummerċ intrakomunitarju?

(¹) ĠU 1997 L 61, p. 1.

vià tagħhom għal finanzjament bil-quddiem ta' films Ewropej għaċ-ċinema u għat-televiżjoni?

- 2) Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, leġiżlazzjoni nazzjonali li, barra milli ttiprovdi għal dan l-imsemmi obbligu ta' finanzjament bil-quddiem, talloka 60 % minn dan għal xogħlijiet bil-lingwa oriġinali Spanjola, hija konformi ma' l-imsemmija direttiva u ma' l-Artikolu 12 tat-Trattat KE, moqrija flimkien mad-dispożizzjonijiet speċifiċi l-oħra li għalihom jirreferi dan?
- 3) L-obbligu impost minn leġiżlazzjoni nazzjonali fuq l-operaturi televiżivi, li jallokaw għal finanzjament bil-quddiem ta' films għaċ-ċinema perċentwali mid-dħul mill-attività tagħhom, li 60 fil-mija minnu għandu jkun allokat speċifikament għal xogħlijiet bil-lingwa oriġinali Spanjola — li huma fil-biċċa 'l kbira prodotti mill-industrija ċinematografika Spanjola — jikkostitwixxi għajna mill-Istat favur din l-istess industrija, skond l-Artikolu 87 tat-Trattat KE”.

(¹) ĠU L 298, p. 23.

(²) ĠU L 202, p. 60.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-3 ta' Mejju 2007 — UTECA (Unión de Televisión Comerciales Asociadas) vs Federación de Asociaciones de Productores Audiovisuales, Ente Público RTVE u Administración del Estado

(Kawża C-222/07)

(2007/C 155/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo (Spanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: UTECA. (Unión de Televisión Comerciales Asociadas)

Partijiet oħra: Federación de Asociaciones de Productores Audiovisuales, Ente Público RTVE u Administración del Estado

Domandi preliminari

“1) L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE (¹), tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi, minn regolament jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri l-eżerċizzju ta' l-attivitàjiet tax-xandir televiżivi, kif emendata mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/36/KE (²) tat-30 ta' Ġunju 1997, jippermetti lill-Istati Membri li jimponu lill-operaturi televiżivi l-obbligu li jallokaw perċentwali mid-dħul mill-atti-

Rikors imressaq fl-4 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-224/07)

(2007/C 155/27)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: N. Yerrell u P. Dejmek, aġenti)

Konvenuta: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

Talbiet

— tiddeċiedi li billi ma adottax id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/49/KE, tad-29 ta' April 2004, fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi ta' l-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokkazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (¹), il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas mill-obbligi imposti fuqu skond l-Artikolu 33 ta' din id-Direttiva;